MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Numru 1221/2006

**Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs**

**Carmelo Castorina**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Carmelo Castorina ta' 34 sena, iben Mariano Castorina u Angela Schiaveno, imwieled fit-28 t' Ottubru, 1969 fi Sqallija u residenti fil-fond Entratura E, Flat 6, Binja tas-Saghjtar, Triq it-Tuffieh, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita' numru 20272A gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fin-Naxxar, nhar it-13 ta' Jannar, 2006, bejn id-disgha ta' filghodu u t-tlieta ta' wara nofs inhar ikkommetta serq mill-fond Seaview, numru 23 sitwat fi Triq F.W. Ryan, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u valur li jaccedi l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta' Gemma Cassar Van Vuuren; (Art 261, 263(a), 265, 269(g) u 267 ta' Kap 9).

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira izda hija izjed minn hamsin lira Maltin; (Art 325(1) (b) ta' Kap 9).

3. Sar recidiv ai termini t' Artikoli 49, 50 u 289 (1) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Joseph Cassar LL.D nhar 9 ta' Lulju 2003, liema sentenza saret definittiva u li ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 12 ta' Marzu 2007 (esebita a fol. 74 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 261 (b) (c) (e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali;

(b) fl-artikolu 325(1) (b) tal-Kodici Kriminali;

(c) fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali ;

(d) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tat-18 ta' April 2008, l-imputat iddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serqa li sehhet fit-13 ta’ Jannar 2006 mill-fond Seaview, 23, Triq FW Ryan, Naxxar ghad-dannu ta’ Prof. Gemma Cassar Van Vuren. L-imsemmija persuna rrapurtat lil Pulizija li fl-imsemmija gurnata meta rritornat id-dar taghha sabet bieb tal-aluminium sgassat u hgieg imkisser u meta dahlet gewwa sabet ammont konsiderevoli ta’ gojelli kif ukoll lap top neqsin u dawn l-oggetti kellhom il-valur komplessiv ta’ madwar €7850. Meta l-Pulizija marru fuq il-post sabu l-bieb lievat u hgieg imkisser. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur L-Ispettur Ramon Cassar (inserita a fol. 8 sa 12 tal-process) jirrizulta li fil-kors tal-investigazzjonijiet dwar din is-serqa l-Pulizija inghatat informazzjoni li ftit tal-hin qabel ma sehhet is-serqa kienu intlemhu zewgt irgiel suspettuzi weqfin quddiem id-dar li giet misruqa f’vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAT 736 u meta l-Pulizija indagat dwar min kien il-propjetarju tal-imsemmija vettura sabet li din kienet registrata f’isem l-imputat odjern. Meta l-Pulizija baghtet ghall-imputat skopriet li fil-gurnata in kwistjoni l-imputat kien akkumpanjat minn certu Carmelo Ciranna. Kemm l-imputat kif ukoll Ciranna t-tnejn innegaw l-involviment taghhom fis-serqa izda meta l-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti (process verbal relattiv inserit a fol. 28 tal-atti processwali) ghamel ezami komparattiv bejn il-lifters li nstabu fuq il-post tas-serqa u l-impronti digitali tal-imputat u ta’ Ciranna, li eleva huwa stess, u sab li dawn kienu jaqblu, Carmelo Ciranna ammetta l-involviment tieghu fis-serqa izda l-imputat kompla jinnega li b’xi mod kien involut (vide stqarrija esebita a fol. 17 et sequitur tal-process).

Kif diga intqal fil-paragrafu precedenti is-Scene of the Crime Officer PS 602 Jonathan Attard (rapport relattiv inserit a fol. 20 et sequitur tal-process verbal inserit a fol. 28 tal-atti processwali) eleva xi lifters minn fuq il-post u meta sar l-ezami komparattiv mill-espert Joseph Mallia

(rapport relattiv inserit a fol. 31 et sequitur tal-process verbal) gie kkonstatat li kien hemm positive match bejn lifter bin-numru DOK. 06 ADZ 204 liema marka giet elevata mit-tieqa tal-living room minn gewwa u l-impronti digitali tal-imputat.

Din il-prova flimkien max-xhieda ta' Carmelo Ciranna (traskrizzjoni relattiva inserita a fol. 72 u 73 tal-process) fejn dan ikkonferma l-involviment tal-imputat fis-serqa de quo u kkonferma wkoll li hu u l-imputat kienu qasmu ugwalment bejniethom l-oggetti misruqa ma thalli ebda dubju li l-imputat ghandu jinstab hati tal-ewwel(1) u t-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu. L-impronta digitali in kwistjoni giet elevata min-naha ta' gewwa tar-residenza li minha sar is-serq liema residenza hija wahda privata u fejn l-imputat ma kellu ebda raguni ghalfejn jaccedi. Gie ukoll pruvat li l-vettura li ntlemhet fuq il-post fil-fatt kienet registrata f' isem l-imputat (ara xhieda ta' Christopher Darmanin mill-Licensing Office) inserita a fol. 35 u 36 tal-process). It-tieni(2) akkuza li hija dik ta' hsara volontarja wkoll giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi stante li l-vittma li xehdet f'dawn il-proceduri kkonfermat li l-hsara li giet kagunata fil-bieb u l-hgieg imkisser kienet tammonta ghal madwar €247. Il-Qorti jidrilha izda li din l-akkuza kienet mezz ghal fini tal-ewwel(1) akkuza u ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 17 (h) in kwantu jirrigwarda piena.

Permezz tat-tielet(3) akkuza l-imputat jinsab akkuzat li huwa recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 5 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-fatt ingabet id-debita prova li l-imputat huwa recidiv permezz ta' sentenza tad-9 ta' Lulju 2003 (kopja inserita a fol. 21 u 22 tal-process).

Il-Qorti ghalhekk m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa diga nstab hati ta' serq u inghata l-opportunita' sabiex jirriforma ruhu izda jidher li huwa m'gharafx juzufruwixxi minn din l-opportunita' u ghalhekk il-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll

il-fatt li l-imputat bl-ebda mod ma kkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-12 ta’ Marzu 2007 u senjatament l-Artikoli 261, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279(b), 280, 281, 325 (1)(b), 49, 50, 289 , 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-imputat qed jigi wkoll ikkundannat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta’ mija u sebghin ewro u erba’ ewro centezmi (€170.04) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------